MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 101/1978/1

**A.I.C. Joseph J. Xuereb u John J. Xuereb bhala Diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` S.C. Xuereb Limited**

**vs**

**Joseph Schranz**

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni pprezentata fil-31 ta' jannar 1978 li permezz taghha l-atturi nomine wara li ppremettew:

Illi l-konvenut kien impjegat mas-socjeta` attrici bhala "field surveyor" u "foreman" f'xoghlijiet li kienu qed jigu esegwiti fir-Repubblika Gharbija tal-Libja mis-socjeta` attrici b'kuntratt ta' appalt ma' kumpanija fl-istess pajjiz;

Illi minhabba traskuragni u imperizja da part ital-konvenut fil-qadi tad-dmirijiet tieghu derivanti mill-impjieg tieghu mas-socjeta` attrici, certi xoghlijiet ma gewx esegwiti sew;

Illi minhabba l-imsemmija traskuragni u imperizja tal-konvenut, is-socjeta` attrici sofriet Danni konsistenti fl-ispiza biex jigu rrangati l-istess xoghlijiet li ma kinux gew esegwiti sew;

Talbu li din il-Qorti:

(1) Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi nomine;

(2) Tillikwida l-istess danni okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

(3) Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill;-atturi nominee s-somma li tigi hekk likwidata, bl-imghaxijiet legali.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-Mandat ta' Qbid tat-8 ta' Frar 1977, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut fejn qal:

Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi huwa ma kienx traskurat fix-xoghol u jekk kien hemm difetti fix-xoghol dawn saru bhala rizultat ta' nuqqasijiet ta' terzi persuni;

Salvi eccezzjoni ohra;

Rat id-digriet tat-28 ta' Marzu 1979 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dott. Albert Camilleri bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat in-nota tal-perit legali tat-2 ta' Frar 1987 fejn qal illi din il-kawza hija ftit diffikultuza peress illi l-allegat xoghol hazing taht id-direzzjoni tal-konvenut sari l-Libja u ma

jistax jigi konstatat jew spezzjonat u ghalhekk kollox irid jigi pruvat minn dokumenti u korrispondenza, hafna minnha bl-Gharbi;

Rat id-digriet tat-8 ta’ Frar 1988 li permezz tieghu ghall-imsemmi perit legali gie sostitwit l-Avukat Dottor Philip Sciberras;

Rat il-verbal tas-17 ta’ Marzu 1992 fejn deher il-perit legali l-Avukat Dottor Philip Sciberras li nforma lill-Qorti li mid-data tan-nomina tieghu huwa qatt ma gie a konjizzjoni tal-process u hadd mill-partijiet ma nfurmah bin-nomina tieghu;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-imsemmi perit legali debitament mahlufa fil-5 ta’ Novembru 1999;

Rat in-nota ta’ kritika tas-socjeta` attrici ghar-rapport peritali pprezentata fl-4 ta’ April 2000;

Rat in-nota responsive tal-konvenut ipprezentata fit-22 ta’ Awissu 2000;

Rat il-verbali tax-xhieda, l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidrat:

Permezz ta’ din il-kawza s-socjeta` attrici tippretendi li tigi kumpensata minhabba allegati nuqqasijiet tal-konvenut li rrizultaw f’xoghlijiet allegatament hziena fl-allinejament, livelli u l-fond tat-travi tal-konkos fil-Libja.

L-attur A.I.C. Joseph Xuereb xehed dwar ix-xoghlijiet u tqeghid ta’ water culverts fil-Libja u tad-difetti li skond hu ghandu jirrispondi ghalihom il-konvenut. Xehed ukoll illi l-periti tal-kumpanija statali Libjana Gelico kienu responsabbli biss ghall-preparazzjoni tal-work drawings mentri l-konvneut, bhala l-oghla impjegat tekniku, kien responsabbli ghas-supervizjoni tax-xoghlijiet u l-attwazzjoni ta’ l-istess drawings. Dan l-attur esebixxa prospett tad-danni pretizi u ta spjega taghhom.

Carmelo Bonello xehed li l-konvenut kien inkarigat mit-tfassil tal-livelli u kien jaghtihom pjanta bil-livelli u l-kobor tas-CMP u jqieghed il-hadidiet bhala marki biex l-impjegati jimxu fuqhom. L-iccekkjar tal-livelli kien isir jew mill-inginier ta’ Gelico jew mill-konvenut u bhala regola mit-tnejn flimkien. Sa fejn jaf hu kien hemm inkwiet dwar CMP wahda biss li kellha tigi rikostruwita. Qal li ghal dan ix-xoghol ma thallsux bl-imqita, kif kien akkordat, izda bil-gurnata billi t-tort gie attribwit ghax-xoghol hazing tal-haddiema. Il-haddiema kienu jahdmu f’gangs u kull gang kellu persuna responsabbli tiehu hsieb il-gang u x-xoghol.

Paul Caruana xehed li kien impjegat bhala clerk fl-ufficcju tas-socjeta` attrici fil-Libja. Xehed dwar il-makkinarju li l-kumpanija kellha fil-Libja li gie konfiskat minn Gelico biex jaghmlu tajjeb ghall-hlas ta’ penali. Is-socjeta` attrici ma thallsitx l-ammont shih ta’ l-appalt minhabba l-penali. Semma’ wkoll problema dwar hlas ta’ income tax fil-Libja mis-socjeta` attrici u lanjanza dwar irdim fuq CMP li ma kienx qed isir kif suppost izda bl-uzu ta’ gaffa u dan bil-benedizzjoni tal-foreman u ta’ l-istess Perit Xuereb. Qal li qatt ma ra invoice ghal xi xoghol extra li ar minhabba xi xoghol hazing u qtt ma sarlu tgergir dwar il-konvenut la mis-socjeta` attrici u lanqas mill-impjegati fuq il-lant tax-xoghol.

Roland Frendo, impjegat iehor tas-socjeta` attrici, xehed illi xoghlu kien ta’ surveyor. Qal li kemm dam il-Libja, il-problemi li nqalghu kienu kazi ta’ compaction ta’ rdim. Specifka wkoll irregolaritajiet dwar fond tal-konkrit fuq numru ta’ CMP’s izda l-ebda wahda ma nbidlet. Dan ix-xhud ta renidkont dwar kif kien isir ix-xoghol, ic-checking tieghu u l-kejl li kien isir wara l-approvazzjoni tax-xoghol mill-main contractor u stqarr li kien l-inginier Libjan li kien jiddeciedi jekk ix-xoghol kienx tajjeb jew le.

Il-konvenut xehed dwar ix-xorta tal-kuntratt ta’ impjieg tieghu, in-natura tax-xoghlijiet involuti, ir-responabiltajiet tieghu emanenti mill-kuntratt tas-servizz tieghu, il-kwalita` ta’ impjegati tas-socjeta` attrici fil-Libja u fuq il-lant tax-xoghol u l-involviment ta’ gelico bhala main contractor.

Spjega li x-xoghol principali tieghu, apparti mansjonijet ohra, kien jikkonsisti f'allinejament u invellar ta' CMPs u box culverts. Is-surveyor tal-gelico kein ikun prezenti biex jaghti decizjoni dwar dak li jkun issettjat minn qabel minnu u qabel ma jigi applikat il-konkrit. Irrefera ghall-ilmenti tal-Gelico u l-veduti tieghu dwarhom f'memo li baghat lis-socjeta` attrici fis-17 ta' Frar 1976. Qal li l-haddiema bl-imqieta li jkunu esegwew ix-xoghol fuq is-CMPs kienu jahdmu skond id-direttivi moghtija llhom minnu u mill-perit ta' Gelico. Sostna li ma kienx umanament possibbli li jsir checking minnu fuq kull CMP u l-bniedem l-aktar idoneju ghal tali kontroll kien il-foreman responsabbli mil-lant tax-xoghol. Huwa ppresta s-servizzi tieghu bejn it-2 ta' Ottubru 1974 u Novembru 1975 meta ta rizenja verbali izda rrizenja formalment fis-17 ta' Frar 1976. Sakemm telaq, is-socjeta` attrici ma kinitx issollevat l-ebda lment dwar difetti fix-xoghlijiet u inoltre giet proposta lilu zieda fil-paga. Kien wara li nizel Malta u mar biex jithallas li qajmet kwistjonijiet relatati mad-dover tieghu. Qal ukoll illi d-difetti riskontrati kienu ta' valur minuri a paragun tal-valur tal-kuntratt u s-socjeta` attrici twaqqfet milli tkompli l-esekuzzjoni tax-xoghlijiet minhabba ragunijiet ferm aktar serji – ix-xorta tal-makkinarju, il-kwalita` tal-haddiema, u non-esekuzzjoni fiz-zmien stipulat. Barra minn hekk qal li s-socjeta` attrici kienet ippromettiet li fuq il-lant tax-xoghol tibghat perit, li qatt ma ntbaghat, u dan in konnessjoni ma' bar bending schedules u problemi ohra ta' importanza. Skond il-konvenut, qablu fil-Libja s-socjeta` attrici kellha perit. Ghall-istess servizz hu kellu jinqeda bil-perit ta' Gelico. In kontro-ezami qal li kien jaghmel diversi mansjonijiet f'daqqa ghall-avolja fil-main contract is-socjeta` attrici kellha tipprovdi perit, quantity surveyor, land surveyor, quality controller u supervisor. Qal li sa fejn kien possibbli kien jikkontrolla x-xoghol li kien sar u fejn mehtieg jordna xoghol rimedjali, u li ghalkemm hareg memos minghajr ma jkun effettivament ivverifika x-xoghol li jkun sar, b'danakollu l-perit ta' Gelico kien jiccertifika li kien soddisfatt bl-esekuzzjoni tax-xoghol. Il-konvenut qal ukoll ill kien hemm distanzi kbar bejn CMP u ohra u kien jehtieglu jaghmel vjaggi ohra twal biex jirrisolvi problemi ora korrelatati max-xoghol billi ma kellu 'l hadd b'certa responsabilita` li jibghat minfloku. Sostna li saru xoghlijet

rimedjli fuq CMPs u whud in partikolari li, skond hu, ma saret l-ebda ritenzjoni ta’ flejjes minn Gelico minhabba xoghol hazin.

Emanuel Abela xehed li hu kien impjegat mis-socjeta` attrici bhala foreman. Ta dettalji tax-xoghlijiet u l-involviment tal-konvenut u ta’ surveyors ohra antecedenti ghalih. Fuq din ix-xiehda, il-konvenut offra l-ispjegazzjoni tieghu f’seduta sussegwenti u esebixxa elenku dettaljat tal-kronologija tal-operat tieghu minn meta ffirma l-kuntratt sakemm spicca u temm jghid illi l-kuntratt bejn is-socjeta` attrici u Gelico ma twaqqafx minhabba x-xoghol fuq is-CMPs.

Huwa evidenti illi d-decizjoni ghal din il-vertenza, kif tajjeb josserva l-perit legali, trid tigi nkwadrata fid-dawl tal-kuntratt tat-2 ta’ Ottubru 1974 (Dok. JS1). Ghalhekk huwa jghaddi biex jaghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“(23) F’dan il-kuntest insibu s-segwenti aspetti ta’ riljev:

(a) Il-konvenut kien gie ingaggat ‘to perform the work of Surveyor/Quantity Surveyor/Foreman’ kif ukoll ‘to carry out certain errands beyond the camp’ (klawsola 2);

(b) Huwa kien obbligat ‘to execute all orders given by his direct superiors or by the agents of the Company and undertakes to give his services with constant loyalty and efficiency’ (klawsola 17);

(c) Il-kumpanija setghet tillicenzjah minghajr ma taghti preavviz minhabba ‘wilful misconduct, gross incompetence and any breach of the Employee of this agreement’ (klawsola 19).

(24) Hemm imbaghad il-kuntratt tal-appalt datat 20 ta’ Dicembru 1972 bejn is-socjeta` attrici u l-kumpanija Libjana (Dokument ‘B’) esebit mill-attur nomine, li wkoll huwa importanti ghal certi riflessjonijiet li ser isiru aktar ’il quddiem.

F'dan il-kuntratt hemm stipulate illi ghall-ezekuzzjoni tax-xoghlijet is-socjeta` attrici, qua appaltatrici, kellha tappunta inginier kwalifikat b'certifikat universitarju 'who shall represent the contractor on the site and be responsible for receiving instructions and orders from the engineer of the Department or the Company and implementing them' (Article 15).

Is-socjeta` attrici, dejjem skond dan l-istess kuntratt, kellha tappunta 'a qualified surveyor with sufficient experience in this field'.

(25) In konnessjoni ma' dan l-appalt jirrizulta, kemm mill-korp tal-provi u minn dak maghruf mill-esponenti, illi ttiehdu proceduri minhabba inadempjenza u dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet appaltati. Dan huwa deducibbli mill-korp tas-sentenza tal-Qorti tal-Kummerc per il-kompjant Imh. George Schembri fil-kawza fl-ismijiet 'A.I.C. Joseph H. Xuereb et noe vs Av. Dottor Joseph Brincat fil-kwalita` tieghu ta' kuratur deputat biex jirrapprezenta lis-socjeta` 'The General Libyan Company for Road Construction and Maintenance' tar-Repubblika Gharbija tal-Libja et' (11 ta' Gunju 1979). Minn din il-kawza jirrizulta illi ghal dak li jirrigwarda r-rapport bejn is-socjeta` attrici u l-kumpanija Libjana kien hemm gudikat moghti minn Qorti Libjana.

Irrizulta wkoll minn kawza ohra fl-ismijiet 'Avukat Dottor John Mamo bhala mandatarju specjali ta' Wahda Bank vs Anthony R. Curmi General manager tal-Mid-Med Bank Ltd.' (Citaz. Nru. 973/76) illi s-socjeta` attrici talbet li tidhol f'dik il-kawza koncernanti l-garanzija provvduta mill-istess socjeta` attrici taht il-kuntratt ta' appalt de quo. F'dan ir-rigward is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Gunju 1979.

(26) L-esponenti llustra dawn ir-riferenzi ghall-kompletezza tal-kwistjoni sorgenti mill-appalt u mhux necessarjament b'xi riflessjoni fuq il-mertu tal-kaz de quo agitur.

(27) Fil-kaz sotto konsiderazzjoni s-socjeta` attrci qed tippretendi illi l-konvenut, ga` impjegat taghha, ikkagunalha dannu minhabba ‘traskuragni u imperizja fil-qadi tad-doveri tieghu derivanti mill-impjeg’.

Issa l-ligi u l-gurisprudenza jiddistingwu tliet xorta ta’ Danni, jigifieri dawk derivanti minn delitt veru u proprju, dawk derivanti minn htija akwijana, u dawk derivanti minn inadempjenza kontrattwali.

Jinsab imbaghad precizat fid-ecizjoni tad-9 ta’ April 1949 fil-kawza fl-ismijet ‘Mary Vassallo vs Giovanni Mizzi et’ (Vol. XXXIII P. ii p. 379) illi:

‘Il-htija meta tigi konsiderata fl-entita` guridika taghha hija wahda; u taht dan l-aspett ma emmx distinzjoni bejn kolpa kontrattwali u dik komunement imsejha ‘aquiliana’, li titnissel minn delitt jew kwazi delitt. Id-differenza bejniethom tinsab fil-kawza u fil-grad. In kwantu ghall-kawza l-htija kontrattwali tippresupponi obbligazzjoni pre-ezistenti li maghha hi marbuta; mentri l-htija aquiliana tippresupponi fatt li minnu titnissel ‘ex nunc’.

(28) Issa, is-socjeta` attrici targomenta illi minhabba t-traskuragni u l-fattijiet kolpuzi attribwiti minnha lill-konvenut, kien hemm vjolazzjoni tal-obbligi kontrattwali tieghu.

Is-socjeta` attrici taht dan l-aspett telenka varji sitwazzjonijiet fejn dehrilha li l-konvenut naqas mid-dmirijiet principali. Ikun ezercizzju futili li wiehed joqghod jelenka d-dettalji kollha taghhom, anke ghaliex dawn gew spjegati fidd-eposizzjonijiet tal-Arkitett Joseph Xuereb. Jidher pero` li t-tort rikorrenti attribwit lill-konvenut kien dak ta’ nuqqas ta’ sorveljanza tax-xoghlijiet, in kwantu dmir inerenti ghall-inkarigu lilu affidat.

(29) Huwa ormai indiskuss illi bejn il-kontendenti kien hemm rapport kontrattwali, fis-sens li l-konvenut gie mqabbad jippresta servizz ta’ surveyor u jaghmel dak kollu mehtieg in konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-appalt koncess lis-socjeta` attrici fil-Libja.

Naturalment wiehed irid jezamina l-qaghda ‘tout enseble’ qabel ma jadduci responsabilitajiet.

(30) Mill-assjem tal-provi jirrizulta illi:

(a) fil-mument tal-kuntratt il-konvenut kellu 22 sena u kien ilu tliet snin fix-xoghol ta’surveying kemm ‘quantity’ kif ukoll ‘land surveying’;

(b) il-mansjonijiet tal-konvenut kienu bosta u wud minnhom oltre dak normalment rikjest jew ritenut doveruz minn surveyor, ad exemplum, it-thejjija u l-implementazzjoni tal-‘bar bending schedules’, is-sostituzzjoni tal-parts ghall-makkinarju, l-ordnijiet ghall-materjal, ecc;

(c) in-natura tat-terren fejn kien qed jigi zvolt ix-xoghol, il-molteplicita` tal-lantijiet tax-xoghol u d-distanzi twal rikjesti fl-ezekuzzjoni tax-xoghlijiet u doveri korrelatati;

(d) qabel ma l-konvenut ha kura tax-xoghlijiet fuq il-lant kien hemm Arkitett kwalifikat kif ukoll surveyor. In effetti jirrizulta, mhux kontestat, illi l-konvenut sahaq mal-principali tieghu biex jipprovdu Arkitett. Ghalkemm promess mis-socjeta` attrici dan qatt ma ntbaghat.

Ma ghandux jintnesa wkoll f’dan il-kuntest illi s-socjeta` attrici kellha, in forza tal-ftehim tal-appalt, l-obbligu li tipprovdi Arkitett jew inginier kwalifikat, matul id-durata tal-appalt.

(e) abbinat ma’ dan kollu kien hemm l-insistenza ghall-ghaggla u dan mill-bidunett li ha x-xoghlijiet taht idejh il-konvenut stante li x-xoghol ‘kien ghaddej b’ritmu hazin dejjem skond l-ahwa Xuereb’.

(31) Huwa veru wkoll illi l-konvenut forsi naqas li jinkulka sens ta’ dover sufficjenti fil-haddiema li kienu qed jaghmlu x-xoghlijiet, biex dawn proprju ma jidhqux bih, kif ilmenta li ghamlu. Huwa veru wkoll illi messu, sa fejn dan kien possibbli, li jaghmel supervizjoni aktar akkurata.

B'danakollu, tenut rigward ta' dak kollu fuq espost, l-ghaggla rikjesta fl-ezekuzzjoni tal-appalt, ovvjament minhabba l-penali imposta fil-kuntratt, huwa ovvju li persona singola, mghibbija b'responsabilitajiet varji, ma hijiex immuni ghall-izbalji u l-accidenti tal-hajja, kif hekk mhumiex organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet kbar. Dawn huma wejjeg li jistghu jigru fl-ahjar socjetajiet u fl-ahjar regolati familja.

Kollox ma kollox pero` ma jirrizultax illi l-konvenut kien negligenti fid-dmirijiet tieghu b'mod gravi u/jew li kienet in-negligenza jew traskuragni tieghu li fil-verita` kkagunat id-dannu pretiz mis-socjeta` attrici.

(32) Fl-ambitu tal-provi l-principju l-aktar rafforzanti jibqa' dak li l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnega.

Fil-kamp civili, imbaghad, id-decizjoni trid tittiehed fuq il-provi migjuba, partikolarment meta dawn jinducu f'min irid jiggudika dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq is-semplici possibilitajiet (‘Eucaristico Zammit vs Eustachio Petrococchino noe', App. Civ. 25 ta' Frar 1952; ‘Carmel Borg vs Manager tal-Intrapriza tal-Halib', Prim'Awla per Imh. H. Harding, 17 ta' Lulju 1981; ‘Paul Vassallo et vs Carmelo Pace', App. Civ. 5 ta' Marzu 1986, fost bosta ohrajn).

(33) Il-konkluzjoni ta' l-esponenti tidher aktar accentwata u rafforzata minn dawn l-aspetti wkoll:

(1) L-ittra certifikatorja tal-1 ta' Ottubru 1975 (Dokument JS5) dwar hidmiet il-konvenut fuq il-lant tax-xoghlijiet emessa mill-Inginier tal-General Libyan Company for Roads Construction and Maintenance.

(2) Il-fatt li s-socjeta` attrici kellha l-hsieb li ttejjiblu l-kondizzjonjiet tax-xoghol u sahansitra f'Jannar 1976 offrietlu bonus (Dokument JS7). Kien sahansitra gie offert jahdem ma' G. V. Xuereb Ltd. (ara Dokument JS10).

(3) Kieku verament, kif qed jigi sottomess mis-socjeta` attrici fil-korp tac-citazzjoni, illi l-konvenut kien tabilaqq traskurat fil-qadi ta’ dmirijiet, ghaliex ma llicenzjatux, kif kellha kull dritt taghmel skond il-kuntratt ta’ impjieg. Certament illi n-nuqqas ta’ dover jew imperizja kienu jintitolawha tkeccieh, u mhux, kif ghazlet li taghmel, li tippremjah b’bonus u offerta ta’ kuntratt gdid.

(4) Effettivament ukoll kienu materji ohra li kkawzaw hsara jew dannu lis-socjeta` attrici, u mhux l-assenza jew in-nuqqas allegati tad-doveri tal-konvenut, meta del resto x-xoghlijiet kienu sahansitra approvati mill-Perit ta’ Gelico.

(5) Evalwati l-provi kollha ma jistax jinghad li kien hemm inkurja gravi da parte tal-konvenut fil-qadi tad-doveri tieghu.”

Din il-Qorti ezaminat il-provi kollha prodotti, in-nota ta’ kritika tas-socjeta` attrici ghar-rapport peritali u n-nota ta’ osservazzjonijiet tal-konvenut, u frankament ma ssib l-ebda raguni biex tvarja b’xi mod il-konkluzjoni raggunta mill-perit legali. Fil-fatt hija tikkunsidra li huwa ghamel apprezzament korrett tal-fatti u ma kkonkludiex “a bazi ta’ simpatija” (kif tghid is-socjeta` attrici). Sahansitra minn xhieda prodotti mis-socjeta` attrici stess ma tirrizultax it-“traskuragni u imperizja” li tallega s-socjeta` attrici fic-citazzjoni taghha u jirrizultaw ragunijiet ohra serji li kkawzaw dannu lis-socjeta` attrici. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax lanqas tikkondividi l-argumenti migjuba mis-socjeta` attrici fin-nota ta’ kritika taghha u konsegwentement taghmel taghha l-konkluzjoni peritali.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------